MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 92/2002

Citazzjoni numru 92/2002

Marija Pija Pace

-vs-

Direttur Registru Pubbliku

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici wara li ppremettiet illi hija twieldet f'Victoria, Ghawdex fil-hdax ta' Jannar elf disa' mija sebgha u sittin (11.01.1967) u l-att tat-twelid taghha gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex nahr l-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija sebgha u sittin (1967) bin-numru progressiv hdax tas-sena elf disa' mija u sebgha u sittin (11/67) [Dok A];

U illi fl-istess att tat-twelid isem l-attrici gie mnizzel fil-kolonna “Ismijiet moghtijin” bhal “Maria Pija” u cioe’ bil-“j:, u dan nonostante illi l-genituri taghha riedu li isem l-attrici jkun “Maria Pia”. Fil-kolonna ta’ l-att tar-Registru Pubbliku “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha”, isem l-attrici gie mnizzel bhala “Marija Pija” u cioe’ anke hawn bil- “j” nonostante l-intenzjoni tal-genituri taghha li tissejjah “Maria Pia” minghajr il-“j”.

U illi anke fil-karta ta’ l-identita’ l-isem ta’ l-attrici huwa identifikat bhal “Maria Pia” (Dok B).

Talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 11/67 billi fil-kolonna “Ismijiet moghtijin u “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha”, jigi sostitwit l-isem “Marija Pija” ghall-isem “Maria Pia”.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ingunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament kkonfermata bil-gurament mill-attrici.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa:

1. illi fl-ewwel lok, kunjom l-attrici huwa ndikat hazin fic-citazzjoni u qabel xejn irid jigi korrett.

2. Illi huwa ma hux edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mir-rikorrenti jkunu sodisfacenti u korretti skond il-ligi.

3. Illi f’kull kaz id-Direttur m’ghandux ibati spejjez peress illi huwa dejjem mexa fuq informazzjoni moghtija lilu.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Semghet lill-attrici bil-gurament tikkonferma illi isimha dejjem kitbitu bhala “Maria Pia” u mhux “Marija Pija”.

Il-Qorti ghalhekk u peress illi jidhrilha li t-talba attrici hija gustifikata, tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru hdax tas-sena elf disa’ mija u sebgha u sittin (11/1967) billi fil-kolonni “Ismijiet Moghtijin” “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” l-isem “Marija Pija” jigi sostitwit bl-isem “Maria Pia”.

In vista tan-natura ta’ din il-kawza m’ghandux ikun hemm spejjez.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------